

Brussell, 12 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0441(CNS)

16551/23
ADD 4

COCON 51
VISA 243
FREMP 366
FRONT 404

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Diċembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 942 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/637 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u d-Direttiva (UE) 2019/997 li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2023) 942 final.

Mehmuż: SWD(2023) 942 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2023
SWD(2023) 942 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva (UE) 2015/637 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u d-Direttiva (UE) 2019/997 li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE

{COM(2023) 930 final} - {SEC(2023) 930 final} - {SWD(2023) 940 final} -
{SWD(2023) 941 final}

1. ĦTIEĠA LI TITTIEĦED AZZJONI

1.1 X'inhum li-problema u x'inhuma l-kawżi u l-konsegwenzi tagħha?

Iċ-ċittadini tal-UE huma intitolati għall-protezzjoni tal-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor bl-istess kundizzjonijiet bħan-nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. Dan id-dritt huwa stabbilit fl-Artikoli 20(2)(c) u 23 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 46 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni neċessarji biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju ta' dak id-dritt huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/637¹.

Fuq bażi ta' kuljum, il-protezzjoni konsulari tingħata lil numru limitat ta' ċittadini tal-UE mhux rappreżentati li jeħtieġu assistenza barra mill-pajjiż. Madankollu, il-protezzjoni konsulari għaċ-ċittadini tal-UE mhux rappreżentati x'aktarx li ssir aktar komuni fil-futur peress li l-frekwenza, is-severità u d-durata tal-kriżijiet b'element konsulari x'aktarx li jiżdiedu. Matul dawn l-aħħar ftit snin, diversi avvenimenti fuq skala kbira kienu jeħtieġu l-ġhoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari: il-pandemija tal-COVID-19; il-kunflitt fl-Afganistan; il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; u, aktar reċentement, il-kunflitt fis-Sudan u r-ripatrijazzjonijiet mill-Iżrael u minn Gaża.

Dawn il-kriżijiet urew il-ħtieġa li: (i) jittejjeb il-qafas tal-protezzjoni konsulari; u (ii) tissaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri. Huma wrew ukoll kif ir-regoli eżistenti għandhom lakuni li jistgħu joħolqu inċertezza legali u jimminaw l-ġhoti effettivi ta' assistenza konsulari liċ-ċittadini tal-UE. B'mod partikolari, ir-regoli jonqsu milli jirriflettu r-rwol dejjem akbar tad-delegazzjonijiet tal-UE fl-appoġġ lill-Istati Membri fl-ġhoti ta' assistenza liċ-ċittadini tal-UE mhux rappreżentati. Ir-regoli eżistenti lanqas ma jindirizzaw żviluppi reċenti importanti fil-kooperazzjoni fost l-Istati Membri dwar it-tnejn għall-kriżijiet.

Fuq din il-bażi, ġew identifikati għadd ta' sfidi għall-eżerċizzju effettiv tad-dritt taċ-ċittadini tal-UE għall-protezzjoni konsulari. Dawn l-isfidi jinkludu: (i) definizzjoni impreċiża tat-terminu "ċittadin mhux rappreżentat"; (ii) assenjazzjoni mhux ċara ta' rwoli u kompiti f'laqgħat ta' kooperazzjoni konsulari lokali; (iii) nuqqas ta' ppjanar sistematiku ta' kontinġenza konsulari; (iv) l-ineffettività tal-kunċett ta' "Stat Mexxej"²; u (v) inċertezza legali relatata mar-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE fl-appoġġ lill-Istati Membri. Barra minn hekk, hemm inkonsistenzi fl-informazzjoni dwar l-assistenza konsulari pprovduta liċ-ċittadini tal-UE u hemm nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar iċ-ċittadini tal-UE li jgħixu jew jivvjaġġaw barra mill-pajjiż. Fl-aħħar nett, il-proċeduri għar-rimborż tal-awtoritajiet konsulari għall-assistenza li jipprovdu huma kumplessi, mhux użati biżżejjed, u ma jkoprox id-delegazzjonijiet tal-UE.

1.2 X'jenħtieġ li jinkiseb?

L-objettiv ġenerali tal-inizjattiva ta' politika f'dan il-qasam huwa li ttejjeb l-eżerċitar tad-dritt għall-protezzjoni konsulari minn ċittadini tal-UE mhux rappreżentati. Dan jinkiseb permezz tal-**objettivi speċifiċi** li ġejjin: (i) tiżdied iċ-ċertezza legali għaċ-ċittadini tal-UE dwar l-ambitu tad-dritt għall-protezzjoni konsulari; (ii) ikunu żgurati rwoli ċari, mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-UE, inkluż fi żminijiet ta' kriżi; (iii) tittejjeb il-

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/637 tal-20 ta' April 2015 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u li tassar id-Deċiżjoni 95/553/KE (ĠU L 106, 24.4.2015, p. 1).

² It-terminu "Stat(i) Mexxej(a)" jirreferi għal Stat Membru wieħed jew aktar rappreżentati f'pajjiż terz partikolari, u li jkunu responsabbli biex jikkoordinaw u jmexxu l-għajnuna lil ċittadini mhux rappreżentati matul kriżijiet.

komunikazzjoni maċ-ċittadini tal-UE u jkunu pprovduti b'informazzjoni ta' kwalità għolja; u (iv) tiżdied l-effiċjenza u l-użu tal-proċeduri ta' rimborż finanzjarju.

2. SOLUZZJONIJIET

2.1 X'inhuma l-opzjonijiet biex jintlaħqu l-oġettivi?

Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat diversi għażliet ta' politika għal kull oġettiv speċifiku b'firxa ta' miżuri potenzjali biex jiġu indirizzati l-problemi.

L-għażliet bis-saħħa tal-ewwel oġettiv ifittxu li jiżguraw li d-definizzjoni ta' "ċittadin mhux rappreżentat" tiġi ċċarata u mtejba biex jiġi evitat li ċ-ċittadini mhux rappreżentati ma jiġux assistiti abbażi ta' interpretazzjoni jew valutazzjoni skorretta tas-sitwazzjoni mill-Istati Membri. B'mod partikolari, dan l-oġettiv ifittex li jindirizza sitwazzjonijiet fejn l-Istat Membru taċ-ċittadinanza taċ-ċittadin huwa fil-prinċipju rrappreżentat fil-pajjiż terz ikkonċernat minn ambaxxata jew konsulat, iżda fejn ma jkunx ċar jekk dik l-ambaxxata jew il-konsulat għandhomx jitqiesu bħala "effettivament f'pożizzjoni li jipprovdu protezzjoni konsulari". L-**għażla ta' politika 1(a)** toffri miżuri "mhux vinkolanti", filwaqt li l-**għażla ta' politika 1(b)** tipproponi bidliet leġiżlattivi biex tkun iċċarata d-definizzjoni li tinsab fid-Direttiva. L-**għażla ta' politika 1(c)** tipproponi l-introduzzjoni ta' "preżunzjoni ta' nuqqas ta' rappreżentanza" ġdida.

Bis-saħħa tat-taqsimha għat-tieni oġettiv speċifiku, il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat għażliet li jindirizzaw il-problemi relatati mal-kunċetti u l-proċessi ewlenin li permezz tagħhom l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-UE jinteraġixxu biex jipprovdu assistenza konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati. Dwar in-networks ta' kooperazzjoni konsulari lokali, l-**għażla ta' politika 2(a)** tikkonsisti f'miżuri "mhux vinkolanti" biex jiġu strutturati aħjar ir-responsabbiltajiet differenti f'tali networks, u l-**għażla ta' politika 2(b)** tipproponi li r-rwol tal-president tal-laqgħat ta' kooperazzjoni konsulari lokali jiġi assenjat lid-delegazzjonijiet tal-UE. L-**għażla ta' politika 2(c)** tikkonsisti f'emendi leġiżlattivi li jirrevedu l-kunċett ta' "Stat Mexxej" u jiddeċiedu dwar l-assenjazzjoni ta' kompiti ċari, fl-hekk imsejħa pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti, lill-atturi differenti involuti. L-**għażla ta' politika 2(c)** tipproponi wkoll li tali pjanijiet u l-hekk imsejħa timijiet konsulari konġunti jiġu inklużi fid-Direttiva (UE) 2015/637. L-**għażla ta' politika 2(d)** tikkonsisti f'emendi legali biex jiġi ċċarat ir-rwol ta' appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-UE, notevolment billi jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet fid-Direttiva mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE³ dwar is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). Fl-aħħar nett, l-**għażla ta' politika 2(e)** tikkonsisti f'emendi legali li jagħtu lid-delegazzjonijiet tal-UE kompetenzi ġodda li jippermettulhom jipprovdu protezzjoni konsulari diretta liċ-ċittadini mhux rappreżentati f'pajjiżi terzi mhux koperti fuq talba ta' dawn tal-aħħar.

Għażliet li jsegwu t-tielet oġettiv speċifiku jindirizzaw l-kawżi ewlenin marbuta mal-problemi ta' komunikazzjoni maċ-ċittadini, prinċipalment: (i) il-problemi bl-informazzjoni provduta liċ-ċittadini mill-Istati Membri u mill-UE; u (ii) in-nuqqas ta' informazzjoni dwar iċ-ċittadini li jivvjaġġaw jew li jirrisjedu barra mill-pajjiż. Dwar l-ewwel kwistjoni, l-**għażla ta' politika 3(a)** tipproponi emendi legali b'rekwiżiti ġodda dwar l-għoti ta' informazzjoni, filwaqt li l-**għażla ta' politika 3(b)** tipproponi l-istabbiliment ta' portal tal-UE għall-pariri dwar l-ivvjaġġar. Dwar it-tieni kwistjoni, l-**għażla ta' politika 3(c)** tirrakkomanda kampanja ta' komunikazzjoni għall-UE kollha u l-**għażla ta' politika**

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

3(d) tirrikjedi li l-Istati Membri jippromwovu miżuri li jabilitaw liċ-ċittadini tal-UE jinfurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-vjaġġi jew ir-residenza tagħhom barra mill-pajjiż.

Fl-aħħar nett, l-għażliet taħt ir-raba' objettiv speċifiku għandhom l-għan li jnaqqsu l-kumplessità u l-ineffettività tal-proċeduri eżistenti ta' rimborż finanzjarju (ir-rimborż tal-awtoritajiet konsulari għall-assistenza li jipprovdu liċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor) sabiex dawn il-proċeduri jkunu aktar rapidi u użati aktar ta' spiss għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE u tal-Istati Membri. **L-għażla ta' politika 4(a)** toffri miżuri mhux vinkolanti biex jiġi ċċarat il-proċess u jiġi pprovdut taħriġ lill-Istati Membri filwaqt li **l-għażla ta' politika 4(b)** tipproponi emendi legali biex jittejjbu l-proċeduri u biex dawn jiġu estiżi għad-delegazzjonijiet tal-UE biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżit tan-newtralità tal-kostijiet previst fid-Deċiżjoni 2010/427/UE.

2.2 X'inhi l-kombinazzjoni ppreferuta ta' għażliet?

Il-kombinazzjoni ppreferuta ta' għażliet tirriżulta fl-emendi leġiżlattivi li ġejjin għad-Direttiva (UE) 2015/637:

- **L-għażla 1(b):** tkun iċċarata d-definizzjoni ta' xi tfisseer li ċittadin ta;-UE ma jkunx rappreżentat;
- **L-għażla 2(b):** bħala regola, il-presidenza tal-laqgħa ta' koordinazzjoni lokali tkun f'idejn id-delegazzjonijiet tal-UE;
- **L-għażla 2(c):** ikunu formalizzati l-pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti u t-timijiet konsulari konġunti u jkun rieżaminat il-kunċett ta' "Stat Mexxej";
- **L-għażla 2(d):** jissaħħaħ ir-rwol ta' appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-UE u t-test ikun allinjat mad-Deċiżjoni 2010/427/UE;
- **L-għażla 3(a):** l-Istati Membri jkunu meħtieġa jipprovdu regolarment lill-Kummissjoni u lis-SEAE b'informazzjoni dwar in-network konsulari, l-konsli onorarji, u l-arranġamenti bilaterali u prattiċi għall-protezzjoni konsulari;
- **L-għażla 3(d):** l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippromwovu miżuri li jabilitaw liċ-ċittadini tal-UE jinformaw lill-awtoritajiet konsulari dwar l-ivvjaġġar lejn pajjiżi terzi jew il-preżenza tagħhom fihom;
- **L-għażla 4(b):** l-Istati Membri li jassistu jkunu jistgħu jeħtieġu liċ-ċittadini mhux rappreżentati jħallsu lura l-kostijiet direttament u jestendu l-mekkaniżmi ta' rimborż għad-delegazzjonijiet tal-UE.

3. IMPATTI TAL-GĦAŻLA PPREFERUTA

3.1 Benefiċċji u kostijiet tal-għażla ppreferuta

Il-benefiċċju ewlieni tal-għażla ppreferuta jkun l-eżerċitar aktar effettiv u effiċjenti tad-dritt għall-protezzjoni konsulari minn ċittadini tal-UE mhux rappreżentati. Dan jinkiseb permezz ta' kjarifika tad-definizzjonijiet u l-proċeduri, u b'hekk tiżdied iċ-ċertezza legali għaċ-ċittadini u l-Istati Membri. Miżuri aħjar ta' tħejjija u koordinazzjoni, kif ukoll qafas legali robust għar-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE, se jirriżultaw fi protezzjoni aħjar taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Benefiċċji oħra jinkludu komunikazzjoni mtejba maċ-ċittadini tal-UE, fosthom permezz ta' aċċess iffaċilitat għal informazzjoni affidabbli u ta' żieda fir-reġistrazzjoni tal-vjaġġi u r-residenza taċ-ċittadini barra mill-pajjiż. Il-miżuri ppreferuti jinvolvu wkoll: (i) iffrankar u effiċjenzi żgħar għall-amministrazzjonijiet nazzjonali; u (ii) iffrankar ta' ħin u piż imnaqqas għaċ-ċittadini tal-UE.

Il-kostijiet tal-għażla ppreferuta li għandhom jinġarru mill-Istati Membri u mill-UE huma limitati ħafna.

3.2 Is-sussidjarjetà u l-komplementarjetà tal-azzjoni fil-livell tal-UE

Il-protezzjoni konsulari għaċ-ċittadini mhux rappreżentati tinvolvi, skont id-definizzjoni, dimensjoni transfruntiera, minħabba n-natura tagħha ta' dritt taċ-ċittadinanza tal-UE li jitgawda fil-konfront tal-awtoritajiet ta' Stati Membri li ma humiex dawk tan-nazzjonalità tal-individwu. B'riżultat ta' dan, ma jistax jiġi indirizzat b'mod effettiv mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment.